MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 12/2005

**Godfrey Ellul**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fl-1 ta' Marzu, 2005, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta illi:

Hu jinsab akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali bi spacc ta' droga.  Illi wkoll huwa kien gie processat quddiem l-istess Qorti fi proceduri differenti, u kundannat, u l-appel jinsab differit ghas-sentenza fis-17 ta' Marzu, 2005.

Dan ir-rikors ghandu bhala mira tieghu l-inkostituzzjonalita’ u l-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghal dak li jirrigward l-Art 22 tal-Kap. 101, f’dik il-parti fejn ghall-istess fatti identici, hemm zewg pieni differenti, u dan skond kif l-Avukat Generali jidhirlu li ghandu jakkuza, jekk hux quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u dan anke b’mod diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Waqt li l-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni jaghtu protezzjoni lill-Avukat Generali fl-operat tieghu meta jistitwixxi l-azzjoni penali jew iwaqqafha, *pero’* dan ma jezimihx milli josserva d-drittijiet fondamentali.  Dan hu bl-istess mod li waqt li l-Qrati huma protetti fil-gudizzju taghhom, ma jfissirx li l-operat taghhom li jkun qed jivvjola d-drittijiet fondamentali ma jistax ikun taht skrutinju.

Kif gie emendata l-ligi fl-artiklu 22 tal-Kap. 101, meta l-Avukat Generali jiddeciedi li jibghat fuq l-istess fatti persuna biex tigi gudikata quddiem il-Qorti Kriminali, huwa jkun qed jesponiha ghall-piena li tekwivali dik tal-omicidju volontarju jew tal-istragi, fil-waqt li fuq l-istess fatti, u forsi ghall-persuni involuti bl-istess grad, ikun qed jesponiha ghall-piena massima ta’ 10 snin habs.  Illi dan ma jaghtix ic-certezza tal-ligi penali, ghaliex kollox jiddependi fuq il-gudizzju (jew pregudizzju) tal-Avukat Generali.  Il-ligi la tipprevedi aggravenati u lanqas attenwanti ghala l-Avukat Generali ghandu jiddeciedi mod u mhux iehor.  Dan specjalment sar gravi u determinanti meta l-piena inbidlet u saret dik ghal ghomor, ghaliex inbidlet il-konfigurazzjoni tar-reat.  Hu internazzjonalment risaput li l-piena ghal ghomor hija l-piena ghal telf ta’ hajja attwali u fattwali.

Ghalkemm kien hemm kazi precedenti quddiem dawn il-Qrati u gie msemmi kaz Ingliz, ghandu jinghad li l-ligi Ingliza li taghmel *indictable offences*, li jridu jmorru quddiem il-guri, fl-istess waqt taghti diskrezzjoni lill-prosekutur pubbliku li jekk irid iwaqqa’ l-piena ghal wahda aktar miti, ghandu l-fakolta’ li jibghat il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati.  Imma l-piena massima hija stabbilita mil-ligi.  Fil-kaz tal-ligi taghna l-Avukat Generali ghandu zewg ghazliet ta’ pieni.  L-istess fatti u cirkostanzi jgibu

zewg pieni differenti. Din mhix ic-certezza tal-piena stabbilita regolarment mil-ligi. Il-Kostituzzjoni ma tipprevedix li l-Avukat Generali jaghzel il-piena. Lanqas il-Konvenzjoni Ewropea. Din tohloq diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-ligi, minghajr bazi legalment miktuba u approvata mill-parlament.

Bit-tibdil fil-ligi u z-zieda tal-piena ghal ghomor saret mhux biss zieda fil-kwantita' tal-piena imma hemm tibdil fil-kwalita' tal-piena. Persuna kkundannata ghall-piena ghal ghomor ma tistax tibbenefika mill-kondotta tajba waqt li qieghed il-habs. Remissjoni moghtija mill-President tar-Repubblika ma tapplikax ghalih.

Dan igib ksur tal-Artiklu 7(1) u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fit-tieni lok, kien hemm dawn il-ksur mhux biss fil-forma potenzjali imma wkoll effettivament fil-kaz li jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Skond l-akkuza, kien hemm zewg persuni mill-anqas involuti, u *cioe'* Philip Magri u l-esponenti. Fil-waqt li Philip Magri gie kundannat ghal piena miti hafna, minhabba l-Qorti quddiem min tressaq, l-esponenti gie kundannt, (minkejja li ma kienx hati) ghall-piena li tigi ghaxar darbiet dik tal-imputat l-iehor fl-istess reat.

Dan kollu jgib trattament diskriminatorju u jivvjola l-Art 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kemm potenzjalment bhala ligi u kemm fattwalment fil-kaz partikolari li jinsab differiment ghas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu, 2005.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha.

(1) tiddikjara li l-Art 22 tal-Kap. 101 fejn hemm zewg pieni ghall-istess fatt kriminuz, u kollox jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, tivvjola l-artikolu 7(1), 6, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk ghandha tkun dikjarata nulla u bla effett legali.

(2) taghti rimedju effettiv lill-esponenti kifghandha poter li taghmel il-Qorti.

(3) tikkundanna lill-intimat li jhallas lir-rikkorrenti dik is-somma li tigi stabbilita ghall-vjolazzjoni minnu diga' sofferta.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali li *in forza* taghha wiegeb illi:

1. *In linea* preliminari illi l-kwistjoni kif ventilata mir-rikorrent hija frivola u vessatorja ghar-ragunijiet segwenti:

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

2. L-esponent ma jistax jifhem kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tista' tincidi fuq l-<u>indipendenza</u> u l-<u>imparzjalita'</u> tal-Qrati taghna. Tasal kif tasal kawza quddiem il-Qrati – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Qrati hi allacjata esklussivament mal-mod kif inhuma, skond il-ligi komposti u kostitwiti. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali ndipendenza u mparzjalita'. Konsegwentement l-allegazzjonijiet tar-rikorrent f'dan is-sens huma frivoli u vessatorji kif diga' gie deciz fil-gurisprudenza nostrana, vide sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri"** deciza fit-28 ta' Mejju, 1999 kif konfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet moghtija fit-23 ta' Jannar, 2001.

3. *Inoltre* l-element ta' *fair hearing* jimporta li fi process kriminali l-gudikant ikun indipendenti u mparzjali (kif diga' gie spjegat fil-paragrafu precedenti), li l-akkuzat ikun tempestivament infurmat bl-akkuza u li jkollu zmien u opportunita' jiddefendi ruhu billi jezamina x-xhieda kontra tieghu u jipproduci l-provi tieghu, li jkollu assistenza legali u fakoltajiet simili. Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali

kontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kap. 101 bl-ebda mod ma taffetwa dawn l-elementi msemmija ta' *fair hearing*, vide sentenza tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Emmanuel Grech et"** datata 27 ta' Settembru, 1990 hawn annessa bhala Dok A.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

*4. In kwantu* ghall-ewwel parti tal-Artikolu 7(1): *"No one shall be helf guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed"*, l-esponent jecepixxi l-inapplikabbilita' taghha ghall-kaz odjern *stante* li l-att li bih gie misjub hati r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali kien certament jikkostitwixxi reat krimali fil-ligi Maltija fil-mument li l-istess att gie kommess.

5. *In kwantu* ghat-tieni parti tal-Artikolu 7(1): *"Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed"*, l-esponent jecepixxi wkoll l-inapplikabilita' tieghu *stante* li kuntrarjament ghal dak indikat f'din il-parti tal-Artikolu, fil-kaz odjern il-piena massima ta' ghomor il-habs li minnha qed jilmenta r-rikorrent kienet diga' *in vigore* sa' mill-1996 (vide Dok B) mentri r-reat li tieghu nstab hati r-rikorrent sar fl-1997. Dan ifisser r-rikorrent fl-ebda stadju ma gie espost ghal piena aktar severa mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien li gie maghmul.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

6. Lanqas hemm ksur ta' dan l-Artikolu 14 *stante* li fl-ewwel lok l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 ma jikkontemplax diskriminazzjoni bejn persuna u ohra. Jikkontempla li kulhadd ikun processat bl-istess mod u dan fis-sens li l-Avukat Generali jara l-kaz u jiddeciedi jekk dan ghandux jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati. Dan jghodd ghal kull persuna; ma jistax ikun hemm allegazzjoni ta' diskriminazzjoni meta m'hemmx tqabbil ta' *like with like*.

7. *Inoltre* jigi rilevat finalment illi billi l-piena hija applikata u moghtija mill-Imhallef jew il-Magistrat, l-istess piena tinsab biss fid-deskrizzjoni ta’ persuna jew ahjar gudikant li huwa kompletament separat, differenti u ndipendenti mill-Avukat Generali li l-funzjoni tieghu quddiem il-Qorti tista’ biss tkun fil-kwalita’ ta’ prosekutur. M’hemm xejn li jippreskludi lill-Imhallef fil-Qorti Kriminali milli jaghti piena li effettivament xorta tkun fil-margini tal-piena li tista’ tinghata mill-Qorti tal-Magistrati.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent jinsab akkuzat quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali bi spacc ta’ droga. Huwa qed jilmenta mill-artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) li fis-subartikolu tnejn (2) taghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali iressaq persuna akkuzata b’reat kontra dik l-Ordinanza jew quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’dan li jekk tinsab htija, il-persuna akkuzzata tehel, ghal kull reat, piena stabbilita fil-ligi izda li tvarja skond jekk il-persuna titressaqx quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Ir-rikorrent qed jallega li din id-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali tikser id-dritt tal-akkuzat ghal-gudizzju imdipendenti u imparzjali (artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), id-dritt tieghu li ma jinghatax peina meta l-fatt minnu maghmul ma jkunx jikkostitwixxi reat meta sehh, jew li ma jinghatax piena aktar severa minn dik applikabbli fiz-zmien li sehh

ir-reat (artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea), u d-dritt tieghu li ma jkunx soggett ghal-agir diskriminatorju (artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea).

Fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-artikolu jipprovdi li kull min jinsab akkuzat b'xi reat, ghandu, fost affarijiet ohra, dritt li l-kaz tieghu jinstema' minn tribunal indipendenti u imparzjali. Dan id-dritt jimplika li l-akkuzat jinghata avviz ragjonevoli tal-akkuzi migjuba kontra tieghu biex ikun jista' jipprepara kif jixraq id-difiza tieghu, u li l-kaz tieghu jgii mistharreg u deciz minn tribunal stabbilita' bil-ligi, b'gudikant indipendenti u imparzjali. F'dan il-kaz, ma jistax jigi indikat li l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101, b'xi mod, jincidi fuq dan id-dritt tal-akkuzat. Ir-rikorrent akkuzat gie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-ligi, u ma jirrizultax li hu ma inghatax *a fair hearing* jew li l-kaz tieghu kien gudikat minn gudikant li mhux indipendenti u imparzjali. L-artikolu *in kwistjoni* ma jolqotx dan id-dritt tal-akkuzat u hu x'inhu r-reat li l-akkuzat jigi akkuzat bih, huwa xorta wahda ghandu jinghata smiegh xieraq, u r-regoli tal-gustizzja naturali kienu u jibqghu applikabbli inattez il-provedimenti tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Huwa veru li l-Qorti adita trid toqghod fuq l-att tal-akkuza u l-piena kontemplata fil-ligi u relattata ma' dik l-att tal-akkuza, *pero'*, dan ma jfissirx li l-akkuzat m'ghandux jinghata u, f'dan il-kaz, ma inghatax smiegh xieraq.

Dan l-istess artikolu kien gie ezaminat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"Ir-Repubblika ta' Malta vs Grech et"</u>, decisa fis-27 ta' Settembru, 1990, u dana fil-kontest tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jittratta l-istess dritt protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dik l-Onorabbli Qorti qalet li ma kienx hemm nuqqas ta' smiegh xieraq u lanqas diskriminazzjoni projbita bis-semplici fatt li l-ligi affidat diskrezzjoni f'idejn l-Avukat Generali tar-Repubblika. Din il-Qorti taqbel ma' dak enuncjat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, u tqies li din id-diskrezzjoni moghtija bil-ligi ma twassalx ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq. Is-smiegh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fil-kuntest ta' persuna akkuzata b'reat, u ma tirreferix ghad-dritt sostantiv li tahtu l-

individwu jigi akkuzat. Id-dritt ta' smiegh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-provvedimenti tal-artikolu 22(2), u darba tinhareg akkuza, il-process gudizzjarju hu protett bil-ligijiet li jiggarantixxu smiegh xieraq ghall-akkuzat.

Fil-kuntest tal-ilment bazat fuq l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni, il-Qorti taqbel mal-intimat illi dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz odjern *stante* li l-att li bih gie misjub hati r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali kien certament jikkostitwixxi reat kriminali fil-ligi Maltija fil-mument li l-istess att gie kommess.

Illi *in kwantu* ghat-tieni parti tal-artikolu 7(1) dan ukoll mhux applikabbli, peress illi fil-kaz odjern il-peina massima ta' ghomor il-habs li minnha qed jilmenta r-rikorrent kienet diga' *in vigore* sa' mill-1996, mentri r-reat li tieghu nstab hati r-rikorrent sar fl-1997. Dan ifisser r-rikorrent fl-ebda stadju ma gie espost ghal piena aktar severa mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien li gie maghmul.

Fl-ahhar nett, ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, li tiddisponi li, fit-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ebda bniedem m'ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju.

Fil-kuntest ta' deskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuna ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni *"timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari"* – "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampiament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija”, deciza fis-16 ta’ Awissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

*“Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: “it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch …”. Qabel xejn, pero’, ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta’ trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta’ l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem sans distinition aucune u fit-test Ingliz without discrimination, u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: “In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognized … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognized. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to*

*correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted …". Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta' l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatt *ispecie* tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom "Il-Pulizija vs Muscat", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, "Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984, "Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, "Debono Grech vs Mizzi et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 1999, u "Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 2004.

Ghalhekk, ikun hemm deskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

Fid-dawl ta' dawn il-principji, l-Qorti tqies li fil-waqt li l-provvedimenti tal-artikolu 22(2) mhumiex diskriminatarji, ma jistax jigi eskluz *a priori* li l-istess artikolu jista' jigi uzat b'mod diskriminatarju. Fi kliem iehor, l-artikolu 22(2) jimplika li l-ghazla jekk persuna titressaqx quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun motivata skond ic-cirkustanzi varji tal-kaz, b'mod li cirkustanzi differenti jimmeritaw trattament differenti. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza imsemmija "Ir-Repubblika ta'

Malta vs Grech et", irriferit ghal *"kriterju implicitu"* li ghandu jimmotiva l-esercizzju tad-diskrezzjoni *da parti* tal-Avukat Generali. Dan ifisser li *ceterus paribus*, meta c-cirkustanzi tal-akkuzati jkunu simili, dawn m'ghandhomx jigu trattati differenti, u jekk ikun jirrizulta li l-Avukat Generali agixxa b'mod diskriminatorju, fis-sens li ibbazza d-decisjoni tieghu fuq kriterju jew cirkustanzi irrilevanti ghal-fini ta' dik id-determinazzjoni, l-agir tieghu jista' jigi censurat. Jibqa' il-fatt, *pero'*, li mhux l-artikolu tal-ligi innifsu li hu diskriminatarju, izda l-applikazzjoni tieghu fil-kaz partikolari li, fic-cirkustanzi, jista' jitqies diskriminatarju.

L-Avukat Generali ghandu funzjoni li, f'dan il-kaz, tista' titqies li hi kwazi-gudizzjarja, u ma jistax jezercita l-poteri tieghu kapriccjosament imma skond il-gravita' tal-kaz. Dan hu implicitu fil-provvedimenti tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101, u interpretat b'dan il-mod, dak l-artikolu ma jistax jitqies diskriminatorju. Huwa principju ta' dritt amministrattiv, illi kull diskrezzjoni moghtija ma hi qatt assoluta, izda trid dejjem tigi ezercitata ragjonevolment u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-kuncett ta' *"unfettered discretion"*. Ma jezistix fid-dritt pubbliku ta' pajjiz demokratiku. Meta ligi taghti diskrezzjoni, dan m'hemmx ghalfejn jinghad, ghax hu implicitu u inerenti f'kull fakolta' diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita' jew ufficcjal kompetenti, li dik id-diskrezzjoni m'hemmx ghalfejn jinghad, ghax hu implicitu u inerenti f'kull fakolta' diskrezzjonali moghtija lil xi awtorita' jew ufficcjal kompetenti, li dik id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-mod indikat, mod li trid l-ligi u l-ordinament guridiku. Gia fl-1891, *Lord Halsburg*, fil-kaz "Sharp vs Wakefield" kien osserva:

*"Discretion means when it is said that something is to be done within the discretion of the authorities that that something is to be done according to the rules of reason and justice, not according to private opinion: … according to law, and not humour. It is to be, not arbitrary, vague and fairful, but legal and regular".*

Fl-1925, *Lord Wrenbury* fil-kaz "Roberts vs Hopwood" osserva:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the case of his reason, ascertain and follow the course which reason diriets. He must act reasonably"*

Fid-dritt pubbliku, ma tezisti ebda diskrezzjoni li hi assoluta u libera minn kull skrutinju. Wiesgha kemm hu wiesgha l-poter moghti lil xi awtorita', l-esercizzju ta' dak il-poter huwa dejjem soggett ghall-kontrol mill-qrati. Fil-fatt, *Wade & Farsyth*, fil-ktieb "Administrative Law" (*Oxford Press*, 7th Edit. 1994), jghidu, f'pagna 391 li *"in a system based on the rule of law, unfettered governmental discretion is a contradiction in terms"*. *Kwindi*, ghalkemm l-artikolu 22(2) *in kwistjoni* jidher li qed jaghti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Generali, fil-verita', dan mhux hekk, u dik id-diskrezzjoni trid tigi uzata ragjonevolment, *in bona fidi* u b'rispett lejn id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu. **L-artikolu *in kwistjoni*, ghalhekk, ma jmurx kontra l-Konvenzjoni Ewropea ghax fih innifsu jipprovdi ghal-esercizzju ta' obbligazzjoni *ai termini* tad-drittijiet protetti fil-Konvenzjoni.** Dak l-artikolu ma jipprovdix, kif jallega ir-rikorrent, li *"kollox jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali"*, izda jipprovdi biss ghazla li l-Avukat Generali li jrid jezercita ragjonevolment u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan hu dak li jipprovdi dak l-artikolu.

Fic-cirkustanzi, ghalhekk, ir-rikorrent irid juri li, fil-kaz partikolari tieghu, l-Avukat Generali uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod irragonevoli jew diskriminatorju, fis-sens li haddiehor fl-istess cirkostanzi gie jew kien gie trattat differenti. Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti ma werhiex li hu gie trattat b'mod ghar minn persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhalu. Ghalkemm ir-rikorrent jirreferi ghal-kaz ta' certu Philip Magri, ma giex muri li s-sitwazzjoni ta' dan

tal-ahhar, u c-cirkustanzi rilevanti, huma simili ghal-dawk tar-rikorrent; anzi, l-indikazzjoni li giet moghtija lill-Qorti, hi li jezistu cirkustanzi differenti li jiggustifikaw trattament differenti.

Fuq kollox, ir-rikorrent mhux qed jitlob dikjarazzjoni li hu gie trattat b’mod diskriminatorju, izda li l-ligi stess hija diskriminatorju; kif intwera, il-Qorti ma tarax li l-ligi, fil-provvedimenti taghha, hija diskriminatorja, ghax *“fiha inifisha tipprovdi li d-diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata skond il-ligi u l-principji li jirregolaw il-materja”.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------